10 ta' Jannar, 1952.

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Wismayer ne. *versus* Carmelo Delia pr. et ne.

**Kompetenza — Valur — Kampjuni — Depożitu — Żbank — Art. 774, 748 (1) u (2), u 749 et seq. tal-Kap. 15.**

*Il-kompetenza tal-Qorti ma tiġix sostnuta bil-fatt li l-oġġett fil-kwistjoni jkun jinsab depożitat taħt l-awtorità ta' dik il-Qorti, jekk ma jkunx il-każ ta' kawża għal żbank ta' dak id-depożitu.*

*Jekk il-valur huwa indeterminabili, allura l-kawża tkun ta' kompetenza superjuri. U l-valur huwa indeterminat meta ma jirriżultax mid-domanda, jew meta ma huwiex determinabili b'xi waħda mir-regoli stabbiliti mill-liġi.*

*Kampjun li jkun jsir bejgħ ma għandux valur venali. Kwindi ma għandux valur determinat, u lanqas determinabili bil-mezzi li tiddetta l-liġi. Għaldaqstant kawża għar-restituzzjoni ta' kampjun hija ta' kompetenza tal-Qrati Superjuri.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur proprio et nomine ppremetta li hu, fit-13 ta' Ġunju 1951, biegħ lill-

imsemmija ditta "Carmelo Delia & Sons" tliet mija u għaxar tapiti (Coir Mats) fuq kampjuni li kien wera lill-konvenuti, għal liema ditta ffirma Giuseppe Delia — oġġetti li waslu Malta per S.S. Benicarlo fit-2 jew 3 ta' Ottubru 1951, li ġew ritirati mill-imsemmija ditta "Carmelo Delia & Sons", li ħallsitu l-prezz ta' l-istess tapiti fit-8 ta' Ottubru 1951; u li fid-9 ta' Ottubru 1951 l-imsemmija ditta "Carmelo Delia & Sons" qaltlu illi xtaqu jaraw il-kampjuni; u li hu, f'xi l-ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar, ħa l-kampjuni lill-imsemmija ditta, u ma riedx iħalli l-kampjuni għand id-ditta konvenuta, imma ried li jiġu eżaminati quddiemu, u ma setà' jsir xejn dak inhar minħabba fl-okkupazzjoni tad-ditta konvenuta, u allura hu mar fl-10 ta' Ottubru bil-kampjuni; il-konvenuti riedu jeżaminawhom weħedhom u hu oppona ruħu, u in konsegwenza l-konvenuti wżaw vie di fatto kontra tiegħu u bdew jagħtu, u Giuseppe Delia xejjirlu daqqa ta' sieq, u bdew igħidulu biex joħroġ mill-istabbiliment tagħhom, u kien kostrett li joħroġ per mezz ta' pulizjott li jġib in-numru 957, mentri l-konvenuti rrifjutaw jirrestitwulu l-kampjuni li kellu bżonn għall-kummerċ tiegħu, u b'hekk il-konvenuti u l-imsemmija ditta konvenuta żammew inġustament u illegalment l-imsemmija kampjuni tal-"Coir Mats" ta' proprjetà tiegħu, u baqgħu jżommuhom u rrifjutaw li jikkunsinnawhomlu non ostante l-protest tal-10 ta' Ottubru 1951, li ġie notifikat fl-istess ġurnata, u b'hekk ikkaġunawlu aggravju u dannu; u talab li, premessa kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u provvediment opportun, il-konvenuti jiġu minn dina l-Qorti kundannati biex jirrestitwulu u jikkonsenjawlu, fil-kwalitajiet fuq premessi, l-imsemmija kampjuni tal-"Coir Mats", billi żammew u ttrattenew illegalment u inġustament, bla permess, anzi kontra l-volontà tiegħu, kampjuni li kienu fil-pussess tiegħu u li ħadu fil-pussess tagħhom b'inganu u b'qerq, kif jiġi, okkorrendo, pruvat matul it-trattazzjoni tal-kawża. Bla preġudizzju ta' kwalunkwe azzjoni għaddanni kawżati lilu billi nżammu l-imsemmija kampjuni inġustament, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tal-10 ta' Ottubru 1951, kontra l-konvenuti interpellati għas-subizzjoni;

Trattata l-kawża, ikkunsidrat fuq il-preġudizzjali;

L-attur ma jistax isostni l-kompetenza superjuri biċ-ċir-

kustanza tad-depożitu tal-kampjuni fir-Reġistru ta' din il-Qorti; għaliex hu mhux qiegħed jitlob l-iżbank tal-kampjuni depożitati, imma l-konsenja tagħhom indipendentement mill-iżbank, mentri l-aforisma "ubi depositum ibi judicium" hu, b'liġi, applikabili biss fil-każi ta' żbank tad-depożitu (art. 774, Kap. 15 Edizzjoni Riveduta);

Jekk il-valur tal-kampjuni hu indeterminabili, allura l-kawża tkun ta' kompetenza superjuri (art. 748 (1) idem). Mhux indeterminabili jekk il-valur jirriżulta mid-domanda, jew jekk il-valur hu determinabili b'xi waħda mir-regoli stabbiliti mil-liġi (art. 748 (2) (c) idem). F'dan il-każ, il-valur ma hux determinat fid-domanda. Jibqa' għalhekk li wieħed jara jekk hux determinabili taħt xi waħda mir-regoli tal-liġi. Jekk wieħed jeżamina dawn ir-regoli (art. 749 et seq.), isib illi, fil-każ in ispeċje, l-uniċi regoli li għandhom jiġu kunsidrati huma dawk li jikkontemplaw il-valutazzjoni bit-titolu li jagħti kawża għall-azzjoni, jew b'xi kitba obligatorja bejn il-partijiet, jew bil-prezz korrenti (749 (b)), jew bi stima ta' espert (762). Titolu u kitba obligatorja f'dan il-każ ma hemmx. Jibqa' li wieħed jikkunsidra l-prezz korrenti jew l-istima ta' espert;

Issa, hawn tidħol il-partikularità ta' dan il-każ. Si tratta ta' kampjuni li fuqhom isir il-bejgħ. Hu intuwitiv li kampjun "ut sic" ma għandu ebda valur venali; għaliex, stante l-funzjoni tiegħu, ma għandux valur ekonomiku jew permutabili, u hu ovvju li l-oġġetti li ma għandhomx valur ekonomiku jew permutabili huma "incapaci di valutazione", kif jgħid il-Galdi, Comm. Proc. Civ., Vol. III, paġ. 481, fejn qiegħed jikkommenta fuq dispożizzjonijiet proċedurali simili għal dawk tagħna. Kwindi ma hemmx lok għal ebda prezz plateali, u similment, ma hux il-każ ta' stima; għaliex espert jista' jistmah bħala biċċa tapit, mentri l-oġġett in lite mhux sempliċement biċċa tapit, imma biċċa tapit li hi kampjun li fuqha jsir il-bejgħ. L-attur, li jrid jiġbor l-ordnijiet fuq il-kampjun, jiġi mfixkel, u x-xogħol tiegħu frustrat, b'alternativa ta' kundanna għall-ħlas ta' valur, kif kien ikun il-każ trattandosi ta' oġġett ieħor. Jiġi li l-kampjuni in kwistjoni ma humiex ta' valur, la determinat u lanqas determinabili bil-mezzi li tissomministra l-liġi;

Hekk, il-Qorti Suprema ta' Napli kienet ikkunsidrat ta' valur indeterminat istanza għar-restituzzjoni ta' skrittura ta' żwieġ, avvolja kienet tirrigwarda somma żgħira ħafna, preżumibilment għaliex bħala skrittura ma kellhiex valur (ara Galdi, loc. ċit., paġ. 479);

Fi kliem oħra, f'dan il-każ ir-reintegrazzjoni tad-dritt pretiż vjolat ma hix rimedjabili b'ekwivalenza ta' somma ta' flus. F'dawn il-każijiet, li fihom, kif igħid il-Mortara (Comm. Cod. Proc. Civ., p. 75), ma hix possibili "equivalenza o sostituzione nel pagamento di una somma di denaro", l-oġġett għandu jitqies "non estimabile", lanqas bir-regoli dettati mil-liġi, u għalhekk ta' valur indeterminabili;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-preġudizzjali u tafferma l-kompetenza tagħha, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti eċċipjenti;

Il-kawża tibqa' differita għat-23 ta' Jannar 1952, għall-kontinwazzjoni.